

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-UNJONI EWROPEA

Brussel 24.6.2010
KUMM(2010)332 finali

2010/0180 (NLE)

Proposta għal

**Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni
Ewropea, li ltaqgħu fil-Kunsill**

**Dwar il-konklużjonijiet tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni
Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan,
minn naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Kuntest tal-proposta

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn naħa l-oħra, kien innegożjat b'mandat mogħti mill-Kunsill f'Ġunju tal-2007. Is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan fil-preżent joperaw abbażi ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri individwali u l-Ġordan. Hija parti mill-politika tal-UE tal-viceinat li tissostitwixxi dan in-netwerk ta' ftehimiet bilaterali permezz tal-istabbiliment ta' Spazju Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-UE u s-Sħab Mediterranji tagħha. Il-Ftehim jimmira lejn:

- il-ftuħ gradwali tas-suq f'termini ta' aċċess għal rotot u l-kapaċità fuq bażi reċiproka;
- in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għall-operaturi ekonomiċi abbażi tal-prinċipji tat-Trattati tal-UE;
- l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni tal-Ġordan mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet bħas-sikurezza, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

Il-Ftehim isemmi l-possibbiltà li jestendi l-Ftehim sabiex joħloq Spazju Komuni Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni mas-Sħab Mediterranji l-oħrajn kollha.

• Kuntest ġenerali

Il-mandat għan-negożjati ffixxa l-għan li jiġi stabbilit Ftehim dwar Spazju Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan. Dan ikun jestendi r-regoli u d-dispożizzjonijiet tas-suq uniku għat-trasport bl-ajru fl-UE fil-parti l-kbira għall-Ġordan li fih il-linji tal-ajru Ewropej u tal-Ġordan jkunu jistgħu jipprovdu servizzi tal-ajru mingħajr ebda restrizzjoni.

Abbażi tad-direttivi tal-innegożjar tal-mandat, ingħata bidu għal abbozz ta' Ftehim mal-Ġordan miż-żewġ naħat fis-17 ta' Marzu 2010.

• Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Ġordan.

• Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni mal-Ġordan kien ta' prijetà għall-UE u huwa element importanti fl-iżvilupp tal-politika esterna tal-UE tal-viceinat, kif identifikat mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2005) 79 finali "L-iżvilupp ta' aġenda għall-politika esterna tal-avjazzjoni tal-Unjoni" u l-Komunikazzjoni COM (2008) 596 finali "Żona tal-Avjazzjoni Komuni mal-Pajjiżi Ġirien sal-2010 - Rapport ta' progress".

2. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u valutazzjoni tal-impatt

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Matul il-proċess tan-negożjati, il-Kummissjoni ikkonsultat mal-partijiet interessati partikolarment permezz ta' laqgħat regolari tal-Kumitat Speċjali u tal-Forum Konsultattiv li kienu jiġbru fihom rappreżentanti tat-trasportaturi tal-ajru, l-ajruporti u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif tqiesu

Il-kummenti kollha tal-partijiet interessati ġew meqjusa fit-tnejn tal-pożizzjoni tan-negożjati tal-Unjoni.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Ftehim jiżgura l-istabbiliment gradwali ta' Spazju Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni mal-Ġordan. Rapport imħejji fl-2008 minn konsulenti għall-Kummissjoni, stima li Ftehim dwar Spazju tal-Ajru Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan għandu jiġġenera 54,000 passiġġier aktar u sa EUR 30 miljun f'benefiċċji għall-konsumaturi fl-ewwel sena effettiva tal-ftuħ tas-suq. Ir-rapport sar disponibbli għall-Istati Membri u l-partijiet interessati permezz tal-bażi tad-dejta CIRCA.

Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li se jkun responsabbli għall-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-effetti tiegħu.

3. Elementi legali tal-proposta

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Ftehim jikkonsisti fit-test ewleni li jimkludi l-prinċipji ewlenin, u tliet annessi: L-Anness 1 dwar id-drittijiet tat-traffiku, l-Anness 2 dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali u l-Anness 3 li jinkludi l-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni tal-UE li trid tiġi adottata mill-Ġordan.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 207(5), flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafi (2), (5), (6) u (7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri

minħabba r-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Bl-istabbiliment ta' Spazju Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni, il-Ftehim se jestendi l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni għal Ġordan. B'mod partikolari, il-Ġordan se jadotta l-leġiżlazzjoni tal-UE f'oqsma importanti bħas-sikurezza, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Il-Ftehim se jissostitwixxi l-arranġamenti eżistenti magħmula minn Stati Membri individwali. Fl-istess ħin il-Ftehim joħloq, għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, kondizzjonijiet uniformi għall-aċċess għas-suq, u jistabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni regolatorja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan fl-oqsma li huma essenzjali għal operazzjoni sikura, sigura, u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni għaliex jinvolvu għadd ta' oqsma li huma tal-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

Azzjoni mill-Unjoni tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin:

Il-Ftehim jippermetti l-estensjoni simultanja tat-termini tiegħu għas-27 Stat Membru, bl-applikazzjoni tal-istess regoli mingħajr diskriminazzjoni u ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Dawn it-trasportaturi issa jistgħu joperaw liberament minn kwalunkwe post fl-Unjoni Ewropea lejn kwalunkwe post ieħor fil-Ġordan, li bħalissa mhux il-każ.

It-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha għall-aċċess għas-suq bejn l-UE u l-Ġordan mhux biss ser tattira entitajiet ġodda biex jidħlu fis-suq u toħloq opportunitajiet biex joperaw għal ajruporti inqas moqdiya, imma se tħaffef ukoll il-konsolidazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-UE.

Il-Ftehim jassigura aċċess għat-trasportaturi kollha tal-ajru tal-UE għal opportunitajiet kummerċjali, bħall-possibbiltà li jistabbilixxu l-prezzijiet liberament. Għan ieħor tal-mandat huwa li jinħolqu opportunitajiet indaqs bejn it-trasportaturi tal-ajru kollha tal-UE u dawk tal-Ġordan, u dan jirrikjedi kooperazzjoni regolatorja b'saħħitha li tista' tingħata biss fil-livell tal-Unjoni.

Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Se jkun stabbilit Kumitat Konġunt biex jiddiskuti affarijiet marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jkattar l-iskambji fil-livell ta' esperti dwar inizjattivi jew żviluppi leġiżlattivi jew regolatorji ġodda u jqis l-oqsma potenzjali għal żvilupp akbar tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jkun kompost minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-ħidmiet amministrattivi tradizzjonali li huma jwettqu fil-kuntest tat-trasport internazzjonali bl-ajru, imma skont regoli komuni applikati b'mod uniformi.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: ftehim internazzjonali

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Ir-relazzjonijiet tal-avjazzjoni esterna jista' jkollhom effett biss permezz ta' ftehimiet internazzjonali.

4. Implikazzjoni baġitarja

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li ltaqgħu fil-Kunsill

Dwar il-konklużjonijiet tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI LI LTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(5), flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafi (2), (5) u (7) kif ukoll l-Artikolu 218 (6) (a) (v) tiegħu,

Wara li kisbu l-kunsens ta' ... tal-Parlament Ewropew

Billi:

- (1) il-Kummissjoni nneqozjat, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (minn hawn il quddiem "il-Ftehim");
- (2) il-Ftehim ġie ffirmit nhar;
- (3) il-Ftehim għandu jkun approvat mill-Unjoni u l-Istati Membri;
- (4) huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti arranġamenti proċedurali biex ikun deċiż, jekk ikun adattat, kif għandu jintemm il-Ftehim. Huwa meħtieġ ukoll li jkunu stabbiliti arranġamenti proċedurali adattati għall-partekipazzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim u fil-proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim previsti fl-Artikolu 22 tal-Ftehim, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw is-sigurtà u s-sikurezza.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1 (Approvazzjoni)

1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,

qed ikun hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

2. Mat-tlestija tal-proċeduri interni tiegħu għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, kull Stat Membru għandu jibgħat lis-Segretarjat tal-Kunsill in-nota diplomatika pprovduta fl-Artikolu 29 (1) tal-Ftehim.
3. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna bis-setgħa li twassal għand il-Ġordan in-noti diplomatiċi pprovduti fl-Artikolu 29(1) tal-Ftehim f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 2 (Tmiem)

Deċiżjoni biex jintemm il-Ftehim u biex jingħata avviż ta' dan lill-Ġordan f'konformità mal-Artikolu 27 tal-Ftehim, u deċiżjoni biex ikun irtirat tali avviż, għandha tittieħed mill-Kunsill, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, li jaġixxi b'unanimità abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 3 (Kumitat Konġunt)

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri.
2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kompetenza esklussiva tal-UE li ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' deċiżjoni li għandha effett legali se tkun stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea u se tkun notifikata bil-quddiem lill-Kunsill u lill-Istati Membri.
3. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha se tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, sakemm il-proċeduri applikabbli ta' votazzjoni stabbiliti mit-Trattati tal-UE ma jipprovdwx mod ieħor.
4. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri se tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-Istati Membri, sakemm Stat Membru jkun informa lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi żmien xahar mill-adozzjoni tal-pożizzjoni li jista' jagħti l-kunsens għad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kumitat Konġunt bil-qbil tal-korpijiet leġiżlattivi tiegħu.

Artikolu 4 (Soluzzjoni ta' Tilwim)

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni u lill-Istati Membri fil-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim.
2. Id-deċiżjoni li tkun sospiża l-applikazzjoni ta' benefiċċji skont l-Artikolu 22(7) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.
3. Kwalunkwe azzjoni adattata oħra li tittieħed skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni għandhom ikunu deċiżi mill-Kummissjoni, bl-għajjnuna ta' Kumitat Speċjali magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri maħtura mill-Kunsill.

Artikolu 5 (Tagħrif lill-Kummissjoni)

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw bil-quddiem lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe deċiżjoni li permezz tagħha huma jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjoni ta' trasportatur tal-ajru li huma jkunu beħsiebhom jadottaw skont l-Artikoli 3 u 4 tal-Ftehim.
2. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe talba jew notifika magħmula minnhom jew li tasal għandhom skont l-Artikolu 13 (Sigurtà [Sikurezza] tal-avjazzjoni) tal-Ftehim.
3. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe talba jew notifika magħmula minnhom jew li tasal għandhom skont l-Artikolu 14 (Sigurtà [Sikurezza] tal-avjazzjoni) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill

Il-President

[...]